

Fit-tielet lok, ir-rikorrenti jsostnu li r-regolament ikkонтestat kien adottat bi ksor tal-prinċipju ġeneralu ta' tmexxija tajba u xierqa u/jew dmir ta' diliġenza kif definit minn ġurisprudenza stabbilita u pprovdut mill-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni.

⁽¹⁾ ĠU 2010 L 142, p. 1

⁽²⁾ Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 508/2010, tal-14 ta' Ġunju 2010, li jipprobixxi attivitajiet ta' sajd għal purse seiners li jtajru l-bandiera ta' jew li huma rregistriati fi Spanja, li jistadu għat-tonn floċċeant Atlantiku, fil-lvant tal-lonġitudini ta' 45° Punent, u fil-baħar Mediterranean (ĠU 2010 L 149, p. 7).

⁽³⁾ Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, tal-20 ta' Novembru 2009, li jistabilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgur tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU 2009 L 343, p. 1)

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Reġistrazzjoni fir-Renju Unit ta' trade marks figurattivi "BEATLES" u "THE BEATLES" taħt in-Nru 1341242, għal prodotti fil-klassi 9; reġistrazzjoni fi Spanja tat-trade mark figurattiva "BEATLES" taħt in-Nru 1737191, għal prodotti fil-klassi 9; reġistrazzjonijiet fil-Ġermanja ta' trade marks figurattivi "BEATLES" taħt in-Nru 1148166 u n-Nru 2072741, għal prodotti fil-klassi 9; reġistrazzjoni fil-Portugall tat-trade mark figurattiva "BEATLES" taħt in-Nru 312175 għal prodotti fil-klassi 9; reġistrazzjoni fi Franzia tat-trade mark figurattiva "BEATLES" taħt in-Nru 1584857, għal prodotti fil-klassi 9; reġistrazzjoni fl-Italja tat-trade mark figurattiva "BEATLES" taħt in-Nru 839105 għal prodotti fil-klassi 9; reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva Komunitarja "BEATLES" taħt in-Nru 219048 għal prodotti fil-klassijiet 6, 9, 14, 15, 16, 18, 20, 21, 24, 25, 26, 27, 28, 34 u 41; reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva Komunitarja "BEATLES" taħt in-Nru 219014 għal prodotti fil-klassijiet 6, 9, 14, 15, 16, 18, 20, 21, 24, 25, 26, 27, 28, 34 u 41

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: Oppożizzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Appell milqugħ u d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni annullata

Motivi invokati: Ksur tal-Artikoli 8(1)(b) u 8(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell naqas milli jīchad l-oppożizzjoni għal dawn ir-raġunijiet, minkejja li ġie stabbilit li ma hemmx xebħ reali bejn il-prodotti inkwistjoni; ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell ikkonkluda ħażin li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dan l-artikolu kienu sodisfatti.

Rikors ippreżentat fit-2 ta' Settembru 2010 — Handicare vs UASI — Apple Corps (BEATLE)

(Kawża T-369/10)

(2010/C 301/59)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Handicare Holding BV (Helmond, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: G. van Roeyen, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Apple Corps Ltd (Londra, ir-Renju Unit)

Talbiet tar-rikorrenti

- Tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) mogħtija fil-31 ta' Mejju 2010 fil-Każ R 1276/2009-2; u
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: Trade mark figurattiva "BEATLES" għal prodotti fil-klassi 12

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Rikors ippreżentat fit-3 ta' Settembru 2010 — Bolloré vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-372/10)

(2010/C 301/60)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Bolloré (Ergué-Gabéric, Franzia) (rappreżentanti: P. Gassenbach, C. Lemaire u O. de Juvigny, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla l-Artikoli 1 u 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru C(2010) 4160 finali, tat-23 ta' Ġunju 2010, dwar proċedura skont l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/36.212 — Karta saħħara);